MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 48/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur L. Cutajar)**
**Vs**
**Saviour Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tad-9.00 a.m. fi Triq l-Imdina, Kirkop,

1) hebb u darab lil Joseph Grixti fejn ikkagunalhu griehi ta' natura hafifa skond ma' ccertifika Dr. K. Zammit MD tal-Casualty Dept. ta' St. Luke's Hospital;
2) qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
3) insulenta u hedded bi kliem lill-istess Joseph Grixti;
4) ingombra l-imsemmija Triq bil-van nru. HAH-118 tal-ghamla Toyota.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 221(1), 342, 338(bb), 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 40(j) tal-Kap. 10 u l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa ta’ LM70, kif ukoll rabtitu b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ multa ta’ LM100 ghal perjodu ta’ tnax il-xahar milli b’xi mod jimmolesta aktar lil Joseph Grixti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Marzu, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha li din is-sentenza ghar-ragunijiet esposti tigi mhassra w revokata u l-esponent illiberat minn kull prova (sic!) w imputazzjonijiet u, fin-nuqqas, tvarjaha fis-sens li ma ssibux hati ta’ l-ewwel u r-raba’ akkuza w tikkonfermaha ghall-bqija salv ghal riforma fil-piena.

Fliet l-atti kollha processwali li kienu karatterizzati minn dewmien inutili w esagerat, hafna drabi minnhabba l-agir tal-appellant jew tad-difiza, li wassal biex kawza sommarja ddum ma tinqata’ tlitt snin u nofs mid-data tal-allegati reati;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li hu f’ebda hin ma wettaq ir-reati lilu addebitati fil-kawza u li kien Joseph Grixti li qala’ l-incident meta hu kien ghaddej ghall-affari tieghu w li hu f’ ebda hin ma hebb, dorob jew ikkawza feriti fuq il-persuna ta’ Grixti fit-termini tal-ligi . Li Dr. K. zammit li ccertifika l-feriti qatt ma xehed u gie esebit biss “ticket referral” li lanqas hu awtentiku kif titlob il-ligi. It-tobba l-ohra kollha xehdu li ma jafu xejn u li l-ezami taghhom sar zmien wara Illi l-medical statement ta’ Mr. Felice jikkontradici dak li xehed Joseph Grixti.

Issa kif gie ritenut fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 :-

"….. l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

Illi trattandosi li din hi ta' kwistjoni ta' kredibilita' bejn il-versjoni ta' Joseph Grixti, kif pjenament korroborata mix-xhud indipendenti Jacqueline Mangion u anki mix-xhud Benny Theuma w dik ta' l-appellant u ibnu Silvio Cutajar, hu rilevanti li jigi citat dak li gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**" [9.7.2003], fejn intqal li *:-" mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. Skond l-artikolu 638 (2) ix-xhieda ta' xhud wiehed biss , jekk emmnut , hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox , daqs kemm kieku il-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.."*

Illi wara li semghet ix-xhieda din il-Qorti – bhall-ewwel Qorti – ma tarax ghaliex m'ghandux jigi emmnut Joseph Grixti meta jghid li l-appellant hebb ghalih u li hu sofra feriti ta' natura hafifa bhala rizultat ta' dan l-incident . Di fatti, irrizulta mix-xhieda ta' PS 739 Michael Borg, dik tax-xhud indipendenti Jacqueline Mangion u ta' Benny Theuma, li, immedjatament wara l-incident, kemm fuq il-post ta' l-incident stess u kif ukoll meta Grixti mar l-ghassa

li hu beda jistordi w jirremetti, sintomi dawn li l-ispecjalista newrologa, Dottoressa Victoria Mifsud qalet li huma pjenament kompatibbli ma' "mild concussion". L-istess appellant fix-xhieda tieghu jammetti li ta daqqa ta' ponn wahda fuq widnejn Grixti ghalkemm Grixti hu korroborat minn Mangion u Benny Theuma meta xehed li qala aktar minn daqqa wahda fil-fatt.

Illi l-istess tabiba kklasifikat kaz ta' "mild concussion" bhala ferita ta' natura hafifa w l-fatt li t-Tabib Dr. K. Zammit tal-"Casualty Department" ta' St. Luke's Hospital li mela' l-'Patient Certification Form" immedjatament wara li Grixti kien gie ammess l-isptar, ma ttellax jixhed, ma jfissirx li l-Qorti, mill-assjem tal-provi, ma' tistax tkun moralment konvinta li d-daqqa li l-istess appellant jammetti li ta lil Grixti fuq rasu kienet fil-fatt ikkagunatlu ferita ta' natura hafifa.

Mhu xejn verosimili li xi hadd jiddissimula li jkun gie msawwat jekk dan ma jkunx minnu  sa grad li joqghod jirrimetti ripetutament u jibqa jilmenta minn certi sintomi b'mod li jwassal biex jaghmel jumejn l-isptar taht osservazzjoni ghal xejn b' xejn . Il-fatt li minn ezamijiet li saru zmien twil wara ma rrizultaw ebda komplikazzjonijiet fuq Joseph Grixti ma jeskludi b' ebda mod li immedjetament wara l-incident hu kien qed isofri minn feriti ta' natura hafifa li l-effetti taghhom jintemmu f' qasir zmien. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija  dwar l-ewwel imputazzjoni

Illi ghall-istess ragunijiet , ugwalment din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – hija sodisfatta li jirrizulta il-kliem hazin , dagha ,t-theddid u l-insulti imsemmija fit-tieni w t-tielet imputazzjoni  ghax f'dan l-aspett Grixti hu pjenament korroborat minn Jacqueline Mangion u Benny Theuma.

Illi dwar is-sejbien ta' htija taht ir-raba'  akkuza t' ingombru tat-triq bil-van jidher li l-Ewwel Qorti bbazat dan fuq l-artikolu 40(j) tal-Kap.10 . Dan l-artikolu li kien ghadu *in*

*vigore* meta nharget ic-citazzjoni kontra l-appellant , kien pero' gie mhassar bl-Att XXV tas-sena 2001 u ghalhekk ma setghetx tinstab htija tahtu fid-data tas-sentenza appellata . Se mai setghet tinstab htija taht xi dispozizzjoni ohra tal-ligi li pero' ma gietx citata fis-sentenza appellata . Din il-konkluzzjoni ovvjament trid tkun riflessa fil-piena li ser tigi erogata b' dis-sentenza

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' multa ta' Lm100 ghal periodu ta' tnax il-xahar milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Joseph Grixti w tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba' mputazzjoni w in kwantu kkundannatu multa ta' sebghin lira Maltin (LM70) u minnflok issib lill-appellant mhux hati ta' din l-imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkundannah multa ta' erbghin lira Maltin (LM40) fuq l-ewwel imputazzjoni , ammenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10) fuq it-tieni imputazzjoni w ammenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10) fuq it-tielet imputazzjoni . Inoltre tordna li l-effetti tal-garanzija mposta mill-Ewwel Qorti jibdew jghoddu mil-lum u ghalhekk tordna lill-appellant li jerga' jiffirma l-obbligazzjoni appozita illum seduta stante f' dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------